- ***SPOLL –***
- ***ENFORCEMENT ORDER -***
- ***ART. 52 U 55 TAL-KAP 356 –***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta tal-Hamis 21 ta' Marzu 2002**

**Kawza Numru: 28**
**Citazzjoni Numru: 411/2000/RCP**

**Louis u Sabrina konjugi Gauci**

**vs**

**Awtorita' tal-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici pprezentata fit-3 ta' Marzu 2000 fejn inghad:

Illi l-atturi jippossjedu porzjon diviza ta' art formanti parti mit-territorju il-Bidnija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, gja' limiti tal-Mosta, maghrufa bhala *"il-Hotba tal-Qawwi"*, u dan in forza ta' att pubbliku ta' akkwist tat-12 ta' Frar 1998 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, kopja ta' liema jinsab hawn esebit bhala Dokument "A".

Illi l-atturi saru jafu li l-Awtorita' konvenuta kienet bi hsiebha taghmel xi xoghlijiet ta' twaqqiegh fuq din il-istess porzjon art, dwar liema xoghlijiet l-Awtorita' konvenuta qatt ma nnotifikat lill-atturi.

Illi l-atturi kienu ghalhekk talbu l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-Awtorita' konvenuta bl-iskop li jwaqqfuhom milli jaghmlu dawn ix-xoghlijiet, liema mandat ma giex milqugh wara li l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba fuq skorta ta' dikjarazzjoni tal-Awtorita' konvenuta li ma kenitx sejra taghmel ix-xoghlijiet in kwistjoni.

Illi minkejja din d-dikjarazzjoni, fl-1 ta' Frar 2000, minghajr preavviz, nies imqabbda mill-Awtorita' konvenuta ghal dan l-iskop dahlu fil-proprjeta' tal-atturi u hemmhekk wettqu xoghlijiet ta' twaqqiegh fuq strutturi ezistenti, proprjeta' tal-atturi.

Illi dawn x-xoghlijiet saru vjolentement u kontra r-rieda tal-atturi fuq proprjeta' immobbli appartenenti lill-istess atturi.

Illi dana l-agir jikkostitwixxi spoll a dannu tal-atturi.

Illi interpellata sabiex tirripristina l-proprjeta' tal-atturi l-Awtorita' konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-atturi talbu lill-Awtorita' tal-Ippjanar tghid ghaliex, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ma ghandhiex din l-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-Awtorita' konvenuta kkommettiet spoll klandestin u vjolenti meta dahlet fil-proprjeta' tal-atturi konsistenti f'porzjoni diviza ta' art formanti parti mit-territorju tal-Bidnija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, gja' limiti tal-Mosta, maghrufa bhala "il-Hotba tal-Qawwi", u hemmhekk minghajr il-kunsens u kontra r-rieda tal-istess atturi wettqu xoghlijiet ta' twaqqiegh fuq strutturi ezistenti fl-istess porzjon art.

2. Tordna r-rientegrazzjoni tal-attur fil-pussess tal-proprjeta' tieghu premessa u hekk tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta twettaq u taghmel ix-xoghlijiet kollha mehtiega sabiex l-attur jigi hekk rintegrat f'terminu qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tiffissa;

3. In difett, tawtorizza lill-atturi jwettqu huma stess ix-xoghlijiet rimedjali a spejjes tal-Awtorita' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni 127/00 u tal-atti gudizzjarji kollha konnessi mal-istess u tal-ittra

ufficjali ta' Frar 2000. L-Awtorita' tal-Ippjanar giet ingunta ghas-subizzjoni mill-atturi, li rrizervaw ukoll fil-konfront tal-istess Awtorita' kwalsiasi azzjoni spettanti lilhom ghad-danni jew rizarciment iehor naxxenti mill-fatti premessi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn eccepiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-istess Awtorita' tal-Ippjanar ma kkomettiet l-ebda spoll izda esegwiet regolarment avviz ta' twettiq taht **l-Att I tas-sena 1992** dwar l-Ippjanar **(Kap 365)** kontra Mario Vella ta' zewgt ikmamar li hu stess kien bena illegalment.

2. Illi l-istess twaqqiegh kien il-mertu ta' tlett mandati ta' inibizzjoni mitluba mill-istess Mario Vella (Numri 4769/99 GV, 4979/99 AJM u 125/00 GCD) li gew michuda mill-Qrati u li fihom qieghed kien qed jidher l-istess Louis Gauci.

3. Illi wara li gew michuda dawna t-tlett mandati ta' inibizzjoni sabiex tigi mwaqqfa l-ezekuzzjoni fuq zewgt ikmamar li bena Mario Vella, l-attur odjern hareg mandat ta' inibizzjoni appozitament vag sabiex l-Awtorita' ma twaqqax proprjeta' tieghu, u ghal dan l-Awtorita' wiegbet illi kienet effettivament ser twaqqa biss dawn z-zewgt ikmamar, u *enforcement notices* kontra Louis Gauci li kienu ghadhom pendenti quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar ma kenitx ser tiehu passi fuqhom, u dan dwar proprjeta' mhux relatata ma' dawna z-zewgt ikmamar.

4. Illi meta l-Qorti cahdet l-Inibizzjoni, l-istess Awtorita' esegwiet l-ezekuzzjoni, u l-azzjoni taghha ma jinkwadrawx fl-elementi ta' spoll stante li kien sar b'esekuzzjoni tal-ligi u mhux b'mod vjolenti jew klandestin u sahansitra wara li l-istess atturi kellhom decizjoni mill-Qorti li ma jistghux izommu lill-Awtorita' tal-Ippjanar twaqqa' z-zewgt ikmamar. L-Awtorita' fil-fatt waqghet dawna z-zewgt ikmamar biss.

5. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-att kif ukoll fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u d-dokumenti minnhom ipprezentati.

Rat il-verbali tas-seduti tat-3 ta' Mejju 2000, 28 ta' Gunju 2000, 12 ta' Lulju 2000, 12 ta' Dicembru 2000, 14 ta' Frar 2001, 30 ta' Mejju 2001

Rat il-permess mahrug lill-Pacifico Vella Numru 4642/95 tal-15 ta' Ottubru 1997 a fol. 36, tlett (3) ritratti bhala Dok. "L3", u pjanta annessa mal-istess permess *"to erect boundary wall, carry out alterations to existing reservoir and rehabilitation of field for agricultural use"* esebita bhala Dok. "L 2".

Rat ix-xhieda ta' l-attur tat-12 ta' Lulju 2000, ta' Anthony Baldacchino tat-30 ta' Mejju 2001, Joseph Felice tat-30 ta' Mejju 2001, u Joseph Farrugia tal-istess data.

Rat l-affidavits tal-Perit Arkitett Martin Farrugia tas-27 ta' Lulju 2000, u ta' Pacifico Vella tas-16 ta' Jannar 2001, ta' Anthony Baldacchino tat-23 ta' Marzu 2001 u r-ritratti hemm esebiti; u affidavits ta' Joseph Felice u Joseph Farrugia t-tnejn tat-23 ta' Marzu 2001

Rat id-dikjarazzjoni tal-*enforcement officer* fuq l-ECF No. 728/98 datata 17 ta' Jannar 2001 a fol. 89 tal-process.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 127/2000/GCD esebiti a fol. 96 sa 105 tal-process.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET

### A. REKWIZITI TA' SPOLL.

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**Artikolu 534 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skond l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-elementi vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti:-

(i) *Possedisse*
(ii) *Spoliatum fuisse*

(iii) *Infra bimestre deduxisse*

Illi dan gie rilevat f'diversi sentenzi fosthom "**Margherita Fenech vs Pawla Zammit**" (12-4-1958, vol. XLII D.11. 973); "**Caterina armla Galea vs Joseph Vella**" (23-6-1965 per Onor. Dr. Edoardo Magri) u aktar recentement f' "**Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef**" (30-4-1991 JSP).

Illi din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fil-kawzi fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (13 ta' Jannar 1999 Cit. Nru. 2426/97/RCP) u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri et noe**" (29 ta' April 1999 Cit. Nru. 1704/98/RCP) "**Fino & Sons Limited vs Marketing and Consultancy Limited"** (1 ta' Lulju 1999 Cit. Nru 1596/98/RCP), **"Carmelo Mifsud vs Guseppi Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000), u **"Mark Napier vs Andre Bianchi"** (P.A. R.C.P 26 ta' April 2001) diga kellha opportunita` tiddeciedi fuq spoll u ezaminat fid-dettal ir-rekwiziti ta' din l-azzjoni.

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti pronuncjata jirrizulta li *"materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll…stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna".* **("Carlo sive Charles Cardona *et vs* Francesco Tabone" -** A.C. 9 ta' Marzu 1992).

Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi *"din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss - kif jghid bl-iktar mod car l-**artikolu 791 (1), Kapitolu 12,** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat".*

Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u *"de facto"* tant li gie ritenut ukoll li :-

*"hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto', ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' propjeta' jew ta' servitu' fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni".* **("Kaptan Stefano Xeureb vs Nobbli Charles Sant Fournier" -** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt **"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna" -** (P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"Marthese Borg vs George Borg" -** (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera tolleranza **"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri -** (A.C. 26 ta' Jannar 1996).

Illi fil-fatt kull pussess, *benche'* ippruvat huwa prottett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova' tal-legittimita' tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta' *mala fede* u kontra l-istess

proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. **("Saverio Farrugia vs Eugenio Borg.** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** (P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

*"Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta' tal-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta' tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att".*

Illi dan kollu jistabilixxi l-azzjoni tal-ispoll bhala azzjoni intiza ghaz-zamma tal-ordni pubbliku u ghar-*rule of law* tant li gie ritenut fis-sentenza **"Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia"** (A.C. 24 ta' Novembru 1957) li:-

*"L-azzjoni ta' reintegrazzjoni hija fondata fuq l-ezigenzi ta' l-utilita' socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja; hija intiza ghall-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess sabiex jigi mpedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh, b'mod li ghandha bhala fini r-restawrazzjoni tal-pussess skonvolt jew turbat… si tratta ta' disposizzjoni ta' ligi eminentement ta' ordni pubbliku, li ma tirrikjedix, generalment, il-vjolenza fuq il-persuna li tkun tiddetjeni l-haga jew li tkun tgawdi d-dritt, imma l-istess hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna*

*att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma setghax jezercitah u jezercieh minghajr l-intervent tal-Qorti"*

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi **"Paul Carbonaro vs Norman Dimech"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001); **"Carmen Mifsud vs Joseph Fsadni"** (P.A. (RCP) 12 ta' Gunju 2001; **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. (RCP) 26 ta' April 2001) u li ghalihom issir riferenza.

## B. PROVI PRODOTTI U APPEZZAMENT TAL-ISTESS.

Illi l-atturi intavolaw din l-kawza ta' spoll wara li l-Awtorita' tal-Ippjanar iddemoliet proprjeta' immobbli allegatament proprjeta' taghhom fil-Bidnija. L-atturi qeghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq il-fatt li huma qatt ma gew intimati mill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex inehhu dawna l-istrutturi, u li ghalhekk dan l-agir tal-Awtorita' tal-Ippjanar kien klandestin u konsegwentement spoljattiv.

Illi l-Awtorita' tal-Ippjanar insistiet li kull ma kienet qeghdha taghmel kien li tenforza s-setghat moghtija lilha mill-**Att 1 tas-sena 1992**, fis-sens illi kienet ipprocediet ghad-demolizzjoni ta' strutturi li skond hi kienu illegali u li fil-konfront taghhom kienet harget Avviz ta' Twettieq.

Illi l-atturi jidher li akkwistaw l-art li fuqha qed isostnu li kienu mibnija l-istrutturi mertu ta' din il-kawza permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Frar 1998 pubblikat minn-Nutar Gerard Spiteri Maempel. Specifikament, bis-sahha ta' dana l-att l-

atturi akkwistaw minghand is-socjeta' Anarde Development Limited porzjon diviza minn art akbar imsejha "Il-Hotba tal-Qawwi", fil-Bidnija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, liema porzjon diviza ta' art tinsab indikata fuq pjanta annessa mal-istess kuntratt.

Illi permezz ta' att separat certu Mario Vella kien ukoll akkwista minghand l-istess Anarde Development Limited porzjon art diviza ohra, kontigwa ghall-art li giet akkwistata mill-atturi kif fuq spjegat. Mill-atti processwali, u dwar dan hemm il-qbil ta' kontendenti, jirrizulta li dan Mario Vella bena numru ta' strutturi fuq l-istess art akkwistata bl-imsemmija zewgt kuntratti li ma kienux koperti bil-permessi mehtiega tal-Awtorita' tal-Ippjanar, u li fil-konfront taghhom inhareg Avviz ta' Twettiq mill-Awtorita' tal-Ippjanar li gie notifikat lil Mario Vella. L-Awtorita' tal-Ippjanar ghamlitha cara ma' Mario Vella li jekk ma kienx ser jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu hija kienet ser tenforza d-drittijiet legali taghha billi tipprocedi ghad-demolizzjoni ta' dawna l-istrutturi hija stess. Tali Avviz ta' Twettiq kontra l-imsemmi Mario Vella inhareg fit-30 ta' Gunju 1998 ghandu in-numru ECF/728/1998 u huwa esebit a fol. 113 tal-process.

Illi f'tentattiv sabiex jipprekludi l-attwar ta' dina t-theddida, Mario Vella pprezenta tlett mandati ta' inibizzjoni separati (4796/99 GV, 4979/99 AJM 125/00 GCD) fejn talab ripetutament li l-Awtorita' tal-Ippjanar tigi inibita minn din l-Qorti milli tipprocedi ghad-demolizzjoni ta' dawna l-istrutturi, izda f'kull kaz it-talba tieghu giet michuda.

Illi fil-fatt l-istrutturi li ghalihom saret riferenza huma dawk indikati fir-ritratti li jinsabu esebiti a fol. 81, 82, 83 u 84 tal-process li dwarhom xehed bl-iktar mod car l-istess Anthony Baldacchino fl-affidavit tieghu tat-23 ta' Marzu 2001 fejn sostna li minn spezzjoni li kienet saret kien jidher li kien tiela bini minghajr permess kif jidher mir-ritratt esebit bhala Dok. "AB 1A" a fol. 81 tal-process u dan biswiet garage antik li kien ezistenti. Illi l-istess Mario Vella kellu jnehhi l-istess bini anke in vista tal-Avviz tat-Twettiq Numru 728/98, u l-istess Mario Vella sostna li kien ser inehhi l-istess bini, izda minflok tnehha u waqaf hemm *"inbniet binja ohra ma genbha"* tant li fil-fatt fl-ispezzjoni tas-27 ta' Ottubru 1998 irrizulta li nbnew zewg ikmamar kif jidhru indikati fid-Dok. "AB 2A" u "AB 2B" a fol. 82 u 83 tal-process; barra minnhekk fi spezzjoni ohra tal-5 ta' Frar 1999 jidher li kienu xoghlijiet fuq il-garage li kien ezistenti billi inbidel travu, kif jidher mir-ritratt Dok. "AB 3A" (fol. 84) nonostante li l-applikazzjoni GDO 2194/98 kienet giet rifjutata. Wara saret id-*direct action* fl-1 ta' Frar 2000 sussegwenti ghar-rapport tal-istess *enforcement officer* datat 17 ta' Jannar 2000 a fol. 89 tal-process, li indika li Mario Vella sostna li huwa kien l-proprjetarju tal-istess kmamar.

Illi fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li l-attur qed jitkellem fuq l-istess kmamar li gew domiliti bl-azzjoni tal-Awtorita' konvenuta fl-1 ta' Frar 2000, stante li r-ritratti minnu esebiti bhala Dok. "L3" juru l-istess bini indikat fir-ritratt esebit a fol. 88 tal-process minn Joseph Farrugia, *Enforcement Officer* tal-istess Awtorita', u gie kkonfermat li l-istess twaqqiegh sar fil-presenza tal-attur Louis Gauci.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher li dawn l-istess strutturi, li ghalihom irrefera ix-xhud Anthony Baldacchino kienu mibnija fuq l-art li l-atturi qed jallegaw li hija proprjeta' taghhom, liema strutturi kienu kontigwi ma' l-istrutturi fuq imsemmija proprjeta' ta' Mario Vella li gew in parti imnehhija minnu, kif sostna l-istess xhud Anthony Baldacchino.

Illi hawn jidher li l-atturi bl-ebda mod ma indikaw lill-din il-Qorti kif l-istess bini sar allegatament fuq il-proprjeta' taghhom u mkien ma indikaw liema permessi kienu jkopru tali binjiet li necessarjament saru fil-perjodu ta' bejn l-ispezzjoni li saret fit-30 ta' Gunju 1998 u dik tas-27 ta' Ottubru 1998, meta l-*enforcement officer* Anthony Baldacchino, skopra li minflok tnehha l-bini kollu li kien hemm telghu zewg ikmamar mertu tal-kawza odjerna li gie rimossi fl-azzjoni tal-Awtorita' fl-1 ta' Frar 2000.

Illi jirrizulta wkoll li kemm l-art tal-imsemmi Mario Vella, indikata bhala plot 14, u kemm l-art akkwistata mill-atturi ndikata bhala plot 15, li huma kontigwi ghall xulxin, gew akkwistati tramite konvenju ma' Pacifico Vella, u eventwalment b'kuntratt datat 12 ta' Frar 1998, u tali immobbli ma jista' qatt ikun li kienu formanti parti mill-istess kuntratti stante li l-istess immobbli inbnew wara it-30 ta' Gunju 1998, u skoperti mill-Awtorita' kif premess fis-27 ta' Ottubru 1998.

Illi jirrizulta wkoll li l-unika permess li kien pendenti dak iz-zmien dwar iz-zewg proprjetajiet kien dak ta' Pacifico Vella, li jidher li kontra dak li hemm dikjarat fl-istess permess lanqas kien il-proprjetarju, izda kellu biss il-proprjeta' fuq konvenju, liema permess kien jirreferi biss *"to erect boundary wall, carry out alterations to existing reservoir and rehabilitation of field for agricultural use"* datat 15 ta' Ottubru 1997, u allura dan ma kien qed jirreferi ghall-ebda bini ta' mhazen jew kmamar, li jidher li eventwalment inbnew fuq l-istess artijiet akwistati kemm mill-atturi u kemm minn Mario Vella.

Illi ma hemm lanqas ebda dubju li rigward l-istess immobbli li gew demoliti bl-azzjoni tal-Awtorita' fl-1 ta' Frar 2000 kien hareg *Avviz ta' Twettiq* mhux biss fil-konfront ta' Mario Vella kif inhu evidenzjat bin-numru 728/98, izda wkoll kien hareg *Avviz ta' Twettiq* iehor Numru ECF/730/98 datat 30 ta' Gunju 1998 fil-konfront tal-attur Louis Gauci, kif jidher minn kopja tal-istess esebita bhala Dok. "TD5" fl-atti tar-rikors ghall hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 127/2000/GCD u esebit f'dan il-process a fol. 114, fejn jindika li dan hareg minhabba li hemm *"zvilupp minghajr permess li jikkonsisti fi bdil minn mahzen ghal post abitali, alterazzjonijiet u xoghlijiet ohra"* u li dan gie notifikat lill-istess attur fl-14 ta' Lulju 1998.

Illi konsegwenti ghall dan l-atturi konxji li l-Awtorita' kienet ser tipprocedi wkoll kontra taghhom u peress li ssuspettaw li l-Awtorita' tal-Ippjanar kienet ser tipprocedi ghad-demolizzjoni tal-istrutturi kollha, potenzjalment anke dawk

proprjeta' taghhom, huma wkoll ghamlu rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni (127/00 GCD) fl-14 ta' Jannar 2000 fejn talbu lil din il-Qorti tinibixxi lill-Awtorita' tal-Ippjanar milli tezegwixxi xoghol ta' twaqqiegh, jew xort' ohra ta' kostruzzjoni, kif ukoll milli jidhlu jew jippermettu li jidhlu terzi, fil-proprjeta' taghhom fil-Bidnija.

Illi bi twegiba ghal din it-talba l-Awtorita' tal-Ippjanar *inter alia* sostniet fil-fatt li kienet inharget *"enforcement notice kontra l-istess Louis Gauci stante li inharget enforcement notice fuq is-site tieghu kopja hawn annessa immarkata Dok. TD5 (li huwa stess iffirma fl-14 ta' Lulju 1998) li minnha l-istess Louis Gauci flimkien ma' Mario Vella (pero' ma tolqotx bl-ebda mod dawn iz-zewg strutturi in kwistjoni) applikaw biex jissanaw fil-perijodu li biha twaqqfet l-ezekuzzjoni ta' l-avviz (illum ghadha pendenti) u l-Awtorita' mhux bi hsiebha twaqqa' ebda bini li ghaliha qed japplikaw Louis Gauci u Mario Vella fl-applikazzjonijiet 4553/98 u 4557/98 sakemm l-istess applikazzjonijiet jigu decizi definittivament u jekk jigu michuda".*

Illi abbazi ta' dak li hemm inghad il-Qorti asstjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-istess talba, ghalkemm jidher car li l-Awtorita' tal-Ippjanar qatt ma qalet li ma hijiex ser tipprocedi sabiex tesegwixxi l-Avviz ta' Twettiq fuq imsemmija, u dan hekk kif jigu konkluzi l-proceduri quddiem l-istess Qorti fuq ir-rikors premess, la darba l-applikazjonijiet hemm indikati fir-risposta ma kienux jirreferu ghall-istess zvilupp illegali indikat fl-istess Avvizi tat-Twettiq tat-30 ta' Gunju 1998, tant li l-istess atturi fehmu

dan kollu peress li b'rikors ulterjuri tal-11 ta' Frar 2000 l-istess atturi odjerni sostnew li *"kien jidher car li l-Awtorita' intimata kienet intenzjonata tkompli bix-xoghlijiet minnha ppjanati…..".*

Illi ghalhekk minn dan kollu jirrizulta li nonostante li saru diversi tentattivi mill-atturi u minn Mario Vella sabiex jinibixxu lill-Awtorita' tal-Ippjanar milli tenforza l-Avvizi tat-Twettiq premessi inkluzi permezz tar-rikorsi ta' Mario Vella ghall-hrug tal-Mandati ta' Inibizzjoni numri 4769/99/GV, 4979/99/AJM, 125/2000/GCD, u dak tal-attur numru 127/2000/GCD, tali rikors ilkoll gew michuda, u ghalhekk la darba lanqas mill-provi attrici ma rrizulta li huma b'xi mod ippruvaw jissanaw l-istess skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 52 (5) tal-Kap 356** permezz ta' applikazzjoni *ad hoc* jew sar xi appell minn tali Avvizi tat-Twettiq mill-atturi u/jew minn Mario Vella skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 52 (6) u (7) tal-istess Kap 356,** b'mod li l-effett ta' tali Avviz ta' Twettiq jigi sospiz, isegwi ghalhekk li l-Awtorita' tal-Ippjanar kellha id-dritt li tesegwixxi l-istess ordni tant li *ai termini* tal-**artikolu 55** tal-**Kap 55** jinghad illi:-

*"Jekk xi passi jew azzjoni ohra, komprizi sospensjoni, twaqqif jew htiega ohra bhal dik, mehtiega li jittiehdu b'avviz ta' twettiq ma jkunux ittiehdu fiz-zmien specifikat fl-avviz, jew minnufih jekk hekk mehtieg, l-Awtorita' tista' tidhol fuq l-art u tiehu dawk il-passi jew azzjoni ohra kif fuq imsemmijin u ghal dan il-ghan tista' titlob l-ghajnuna tal-forzi tal-pulizija li ghal dan il-ghan jistghu jezercitaw dawk*

*is-setghat li ghandhom biex jipprevjenu reati u biex iwettqu l-ligi u jzommu l-ordni".*

Illi dan il-provediment u l-**Kap 356** jaghtu ghalhekk id-dritt lill-istess Awtorita' li tesegwixxi l-ordnijiet taghha u anke taghti l-pussess lill-istess sabiex tidhol fuq l-art indikata b'forza ta' ligi, u dan dejjem jekk tali avviz ta' twettiq fil-kaz in ezami gie notifikat lis-sid tal-art u lil min jokkupaha, u fil-kaz in kwsitjoni dan jidher li huwa l-kaz kemm fl-avviz dirett lil Mario Vella u kemm fl-avviz dirett lill-atturi, kif jidher minn notament li sar fuq l-ECF/730/98, fejn hemm indikat li Louis Gauci gie informat fl-14 ta' Lulju 1998.

Illi ghalhekk jidher mill-premess li l-allegazzjonijiet tal-atturi fil-konfront tal-Awtorita' konvenuta ma humiex korretti stante li fil-fatt jidher li Avviz tat-Twettiq inhareg kontra l-atturi u l-Awtorita' konvenuta dejjem sostniet li ser tapplika l-ligi, hekk kif jigu terminati ir-rikorsi ghall-hrug ta' Mandati ta' Inibizzjoni fil-kofront taghha, u fil-fatt hekk ghamlet u fil-fatt esegwiet skond il-ligi, la darba skond l-artikoli fuq citati hija kellha u ghandha il-poter sabiex hija tezegwixxi l-ordnijiet taghha skond il-**Kap 356,** u ghal din il-fini l-ligi stess taghti dritt ta' pussess u access fuq l-istess proprjeta' milquta' b'tali ordnijiet lill-istess Awtorita'.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-azzjoni ta' spoll fil-konfront ta' azzjoni esekuttiva tal-Awtorita' tal-Ippjanar, la darba jirrizulta li hija l-ligi stess li taghti dan il-poter lill-istess Awtorita' li hija tesegwixxi l-ordnijiet taghha, u dan anke billi takkorda access ghall proprjeta' immobbli milquta b'tali

ordnijiet minnha legittimament mahruga, u la darba mill-proceduri odjerni jirrizulta li tali ordnijiet u tali Avvizi tat-Twettiq inhargu skond il-ligi, u kienu debitament notifikati lill-atturi, u la darba ma jidhirx li mill-provi prodotti tali Avvizi tat-Twettiq gew b'xi mod kkontestati mill-atturi, allura l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Illi ma' dan jinghad li din l-azzjoni llum istitwita hija azzjoni possessorja, u ghalhekk ma tista' qatt ikollha l-effett li tattaka l-ordnijiet legittimi mahruga mill-istess Awtorita' pubblika, li l-azzjonijiet taghha huma prottetti u sanzjonati b'ligi proprju sabiex tinzamm l-ordni fil-pajjiz, u dan huwa wkoll manifestat mill-**artikolu 55 (2) tal-Kap 356** fejn jinghad li *"l-ebda qorti"* ma tista' twaqqaf lill-istess Awtorita' milli tezercita' xi wahda mis-setghat moghtija lilha b'dan l-artikolu *"hlief bis-sahha ta' decizjoni ta' qorti kompetenti li l-avviz ta twettiq li bis-sahha tieghu l-Awtorita' tkun imxiet jew bi hsiebha timxi huwa null jew li l-Awtorita' agixxiet skond id-disposizjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att".*

Illi certament li l-azzjoni odjerna ta' spoll ma hijiex wahda minn dawn l-azzjonijiet, ghaliex tali azzjoni hija wahda ta' natura possessorja, u ma ghandhiex tidhol fil-mertu tal-kwistjoni, ghalkemm irrizulta ampjament li l-Awtorita' agixxiet skond id-disposizzjonijiet tal-istess Att indikat; dan ma jfissirx li l-azzjoni tal-istess Awtorita' ma tistax tigi attakkata bhal per ezempju b'azzjoni ta' *judicial review ai termini* tal-**artikolu 469 A tal-Kap 12** jew f'kazijiet ta' ksur tad-drittijiet fondamentali skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-**

**Konvenzjoni Ewropeja,** apparti appelli lill-Qrati Ordinarji skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.** (**"Michel Dingli vs l-Kummissarju ghall-Kontroll ta' l-izvilupp" –** A.C. 6 ta' Ottubru 2000; **"Domenico Savio sive Savio Spiteri vs Chairman, Awtorita' tal-Ippjanar" –** Q.K. 31 ta' Mejju 2000; **"Anthony Mario Vella vs Awtorita' tal-Ippjanar"** (A.C. 6 ta' Dicembru 1999).

Illi certament li l-azzjoni odjerna ma hijiex wahda minn dawk fuq indikati, u allura japplikaw l-principji fuq enuncjati fir-rigward tal-istess, minn fejn jirrizulta li l-istess Awtorita' tal-Ippjanar kienet awtorizzata bil-ligi, u dan ghar-rispett tal-istess ligi, sabiex tiehu pussess tal-immobbli in kwistjoni sabiex tesegixxi l-ordnijiet taghha legalment mahruga fil-konfront tal-istess art u ghalhekk certament li f'dan il-kuntest l-azzjoni ta' spoll ma tistax tirnexxi kif ukoll gie ritenut fis-sentenza **"Stella Agius et vs Anton Camilleri et "** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) fejn l-azzjoni ta' spoll giet kontrastata mal-**Kap 88 – l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' ghall Skopijiet Pubblici.**

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda anke peress li fil-kuntest tal-premess, l-azzjoni attrici hija abbuz tal-procedura gudizzjarja, u partikolarment l-azzjoni ta' spoll kif proposta mill-atturi.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ecezzjonijiet kollha tal-

konvenuta l-Awtorita' tal-Ippjanar, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta' Marzu 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**21 ta' Marzu 2002**